Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 116/2016

Il-Pulizja

Vs

Christopher Pullicino

Illum 26 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Christopher Pullicino detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 86071 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fix-xhur ta' Lulju u Awwissu 2015, fil-Gzejjer Maltin:

1. Diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat;
2. Naqas li jaghti lil Rosanne Pullicino, is-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulate fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax – il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' Frar, 2016, fejn il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat Christopher Pullicino, hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti u qed tikkundannah ghal xahar prigunerija

sospizi ghal sena ai termini tal-Artikolu 28 A tal-Kap 9, in oltre tordna hlas ta' €980 fi zmien tlett xhur ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Christopher Pullicino, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Marzu, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f' dik il-parti fejn sabitu hati tal-akkuza kif dedotta u fejn ikkundannatu ghal piena ta' xahar prigunerija sospizi ghal sena flimkien ma' hlas ta' €980 u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u htija u / jew tvarja l-istess sentenza f' dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Christopher Pullicino huwa wiehed car u manifest u jikkonsisti f':-

Illi bid-dovut rigward l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament erronju tal-provi u tal-ligi.

Illi f' dan ir-rigward jinghad li mit-tali provi l-imputazzjoni addebitata ma setghetx tirrizulta u dan ghaliex mhux talli l-esponent ma naqasx milli jhallas l-ammonti kollha dovuti minnu kemm ghax-xahar ta' Lulju, 2015, kif ukoll ghax-xahar t' Awwissu 2015, imma talli jirrizulta li l-esponent kien diga sahansitra ghadda l-imsemmija ammonti dovuti lil parti leza, f' dan ferm qabel id-dekadenza ta' l-istess.

Illi finalment, anke jekk al modo di dire kellu jirrizulta li l-esponent b' xi mod seeta' wera xi forma ta' nuqqas fil-kuntest ta' xi wiehed mill-obbligi naxxenti mill-istess kuntratt ta' separazzjoni; l-piena applikata mill-Ewwel Qorti hija wahda eccessiva w dan partikolarment meta wiehed iqis illi l-istess esponent ghandu fedina penali netta. Illi bir-rispett l-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H huwa mhux floku meta jitqies li l-ammont dovut huwa effetivament imhallas.

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament l-Avukat Generali jissolleva il-pregudizzjali dwar in-nullita tar-rikors ta'l-appell u dan meta qed jintalab mil-appellanti kemm ir-revoka kif ukoll ir-riforma tad-decizjoni impunjata.

Illi t-talba fir-rikors ta'l-appell hija impostata bil-mod segwenti:

"Ghal dawn il-motivi u ghar-ragunijiet l-ohra kollha li jistghu jirrizultaw fit-trattazzjoni ta'l-appell, filwaqt li jinterponi appell mis-sentenza tad-29 ta' Frar 2016 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi, u jaghmel riferenza ghal-atti tal-kawza, l-esponent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-akkuza kif dedotta u fejn ikkundannatu ghal piena ta' xahar prigunerija sospizi ghal sena flimkien mal-hlas ta' €980 u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u htija u/jew tvarja l-istess senetnza f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena."

Illi ghalkemm huwa minnu allura illi l-appellanti qieghed jitlob fl-istess nifs ir-riforma kif ukoll ir-revoka tad-decizjoni impunjata jidher illi din il-konfuzjoni fit-termini uzati inholqot billi l-appellanti fl-ewwel lok qieghed jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata *in toto* fejn allura qed tintalab il-liberatorja mil-htija, izda fin-nuqqas illi dan isehh allura qieghed jitlob ir-riforma tad-decizjoni impunjata biss f'dik il-parti li tikkoncerna il-piena inflitta billi tinghata piena aktar miti. Fil-fatt minn qari tar-rikors ta'l-appell jidher illi l-appellanti jiddedika aggravvju shih ghan-natura tal-piena inflitta fuqu. Illi huwa minnu illi l-mod kif giet redatta t-talba huwa wiehed infelici hafna bl-appellanti fl-istess nifs, kif tajjeb ighid l-Avukat Generali,

jitlob ir-revoka u ir-riforma tad-decizjoni. Izda fl-istess talba l-appellanti jispjega car u tond dak li qed jippretendi minn din il-Qorti sabiex b'hekk kemm l-Avukat Generali kif ukoll l-istess Qorti jistghu jifhmu car u tond dak li qed ifittex l-appellanti meta iressaq it-talba tieghu ghar-revizjoni tad-decizjoni impunjata.

Illi din il-Qorti diversament ippresjeduta dahlet *funditus* f'din il-kwistjoni fl-appell kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Galea [ 30.6.1995] ( Per V. De Gaetano J.) fejn gie ritenut li:-

**"minn ezami tal-gurisprudenza rigward in-nullita' ta' appell, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :- (a) Bhala regola generali, l-artikolu 419 (1) , cioe' li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza , giet "very strictly and rigidly interpreted" - ("The Police vs. John Hill", Criminal Appeal, [23.9.1972] (b) ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-thassir jew ghal tibdil, fil-prassi ta' din il-Qorti dejjem gie accettat, fil-kazijiet li hekk jippermettu, li jkun hemm kemm talba ghat-thassir kif ukoll talba ghat-tibdil , PURCHE' LI DIN IT-TALBA TKUN SUBORDINATA GHALL-EWWEL WAHDA (emfasi ta' din il-Qorti). In fatti, anki jekk jintalab biss it-thassir, din il-Qorti tista' flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat - skond min ikun appella - tilqa' l-appell in parti u tbiddel is-sentenza, per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-ohra, jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet, gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-thassir, ir-rikors ikun null."[1]**

Illi fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ghandu jirrizulta illi fit-termini ta' dak dispost fl-artikolu 419(1)(c) tal-Kodici Kriminali ghandha tintalab ir-revoka **JEW** ir-

[1] ("Pul.vs. Anthony Zammit" ( [1.10.60], Vol. XLIV , iv. p.940); "Pul. vs. Richard Vincenti Kind" , App. Krim. [16.9.72]; "Pul. vs. Carmelo Agius" , App. Krim. [4.10.1972]. Illi sentenzi ohra li minnhom kienu jemergu dawn il-principji huma : "La Polizia vs. Ernesto Laiviera", [18.10.1930] ; Vol. XXVII , iv. P.829; "La Polizia vs Carmelo Carabott et." [8.11.1933], Vol. XXVIII, iv. P.205; Pulizija vs. Francis Saviour Zammit Cutajar , App.Krim. [23.1.1971]; Pulizija vs. Carmelo Farrugia et. App. Krim. [11.11.1976] ; Pulizija vs. Carmelo sive Lino Scicluna , App. Krim.[ 1.9.1977]; Pulizija vs. Victor Anthony Camilleri et ,[ 26.4.1985]; Pulizija vs. Anthony Zammit [1.10.1960] Vol. XLIV , iv. P.940 ; Pulizija vs. Richard Vincenti Kind , App. Krim. [16.9.1972] ; Pulizija vs. Carmelo Agius App. Krim. [14.10.1972]; Pulizija vs. Emmanuel Bonnici , App. Krim. [5.10.1990]; Pulizija vs. Joseph Desira [18.3.1972] ; Pulizija vs. Crusifix Buttigieg , [18.3.1972]; u Pulizija vs. John Vella Chritien App. Krim. [6. 5. 1972] u Il-Pulizija vs. Jesmond Farrugia [13.2.2001].

riforma tad-decizjoni impunjata. Issa huwa indubitat illi id-decizjoni impunjata sabet reita' ghall-uniku akkuza dedotta kontra l-appellanti fejn allura aggravat minn din id-decizjoni huwa iressaq zewg lanjanzi subordinati ghal xulxin, l-ewwel wahda diretta lejn il-mertu, u l-ohra biss lejn il-piena inflitta fuqu.

Illi ghalkemm anke l-Qorti Kostituzzjonali[2] sahhqet fuq l-importanza li jigu osservati r-rekwiziti mehtiega ghal validita tar-rikors ta'l-appell, in-nuqqas ta' liema rekwiziti jimporta n-nullita ta'l-istess, madanakollu sahhqet illi meta mill-korp ta'l-appell, huwa evidenti x'inhuma dawk il-lanjanzi imqanqla mill-appellanti allura ic-cahda tas-smigh tal-appell mill-Qorti ta' revizjoni biss minhabba dan id-difett procedurali jista' iwassal ghal cahda ghal smigh xieraq ghal persuna akkuzata.

**"Il-htiega li fir-rikors tal-appell jigi indikat b'mod car u mill-ewwel jekk l-appellant hux qed jitlob ir-revoka tas-sentenza kollha kemm hi jew il-varjazzjoni taghha (u allura liema parti qed jitlob li tigi konfermata u liema mibdula) hija imposta biex jigi assigurat li l-kawza titpogga fuq il-binarju korrett mill-ewwel, cioe` mal-presentata tal-istess rikors, u li ma jsirux appelli bl-addocc, specjalment meta jkun hemm diversi imputazzjonijiet, ghas-semplici fini biex l-appellant jipprova, kif jghid il-Malti, "fejn laqat, laqat"! Il-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 jipprovdu ghal mod organiku sabiex l-appelli, sia jekk isiru mill-persuna misjuba hatja u sia jekk isiru mill-Avukat Generali, ikunu jistghu jinstemghu bi speditezza. Huwa minnu li din id-disposizzjoni kienet introdotta fil-Kodici Kriminali fl-1900, meta l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet testendi ghal reati li jkollhom piena ta' mhux aktar minn tlett xhur prigunerija (kien biss bl-Att XXIX tal-1940 li l-kompetenza ta' din il-Qorti bdiet, ftit ftit, tigi estiza); izda r-rekwiziti, taht piena ta' nullita`, tal-imsemmija tlett paragrafi huma aktar importanti llum meta persuni spiss ikunu akkuzati b'diversi akkuzi (u ta' aktar serjeta` milli setghu qatt kienu fl-1900) u allura spiss jigri li jinstabu hatja ta' xi whud minnhom u jigu liberati minn ohrajn, u ghalhekk ikun indispensabbli li mill-bidu nett jigi ccarat x'qed jitlob l-appellant."**

[2] Richard sive Rachela Spiteri et vs Avukat Generali deciza Q.K. 09/03/2010. Ara ukoll Norman Lowell vs Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja Kost.28/02/2011

Issa f'dan il-kaz din id-diffikulta ma tistax tigi riskontrata la mill-Avukat Generali u lanqas mill-Qorti billi kif inghad l-appellanti qed iwiegeb ghall-imputazzjoni wahda u allura ma jistax fil-veru sens jintalab xi riforma hlief ghal dik li jirrigwarda l-piena fl-eventwalita illi is-sejbien ta' htija tigi ikkonfermata. Dan huwa imfisser ukoll car fil-korp tar-rikors ta'l-appell fejn l-appellanti jispjega fid-dettall l-aggravvji tieghu. Ghal dawn il-motivi ghalhekk il-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali ma jistax jigi milqugh f'dan il-kaz.

Sorvolat ghalhekk dan l-ostakolu proceduralі jifdal biex jigi trattat l-appell fil-mertu. L-appellanti aggravat bid-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti iressaq it-talba tieghu ghal revizjoni imsejsa fuq il-premessa illi l-manteniment dovut ghal perijodu ta' zmien indikat fl-akkuza u cioe' ghax-xhur ta' Lulju u Awwissu 2015 jinsab imhallas. Inissel din il-linja difenzjonali mil-fatt illi dan il-hlas huwa l-effett ta' tpacija li huwa ghamel *marte proprio* u b'nuqqas ta' qbil ma' martu, l-parti leza, ma' hlas zejjed li huwa ghamel ta' manteniment fil-konfront ta' ibnu Brandon u dan billi l-obbligu ghall-hlas ta' manteniment dovut ghal dan il-wild kien spicca hekk kif dan ta'l-ahhar sab impjieg bi qliegh. Dan fit-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni iffirmat bejn il-konjugi Pullicino lura fid-19 ta' Settembru 2012.

Illi skont dak stipulat fil-kuntratt tas-separazzjoni, l-appellanti kien intrabat illi ihallas is-somma ta' €290 bhala manteniment ghal kull wild minuri u €200 ghal martu fix-xahar. Illi l-obbligu tal-manteniment fil-konfront tal-ulied kellu jintemm hekk kif dawn ighalqu it-tmintax-il sena, jew sa dik id-data li huma jibdew jahdmu, skont liema minnhom tigi l-ewwel. Gara illi iben il-ko-litigandi Brandon sab impjieg ma' certu Reuben Micallef fejn l-appellanti, injar minn dan l-avveniment ghal xi zmien, baqa' ihallas il-manteniment biex b'hekk jikkontendi illi huwa hallas is-somma ta' €290 dovuti ghal dan it-tifel ghal sena shiha meta dan ma kienx dovut billi t-tifel kif inghad, kien sab impjieg. Jidher illi l-appellanti beda jippretendi illi martu tirrifondielu dan l-ammont ta' flus imhallsa indebitament li lahhqu s-somma ta' €3480. Izda l-partijiet ma lahhqux ftehim bejniethom u allura, l-appellanti minn jeddu iddecieda li iwaqqaf il-hlas ta' manteniment li kien ghadu dovut ghal ibnu minuri l-iehor Malcolm u dan sakemm l-ammont li thallas zejjed jigi pacut. Kien

ghal dan il-mottiv illi l-parti leza inizjat il-proceduri odjerni, konsapevoli tar-raguni li wassal lil zewgha jonqos mil-obbligi kontrattwali minnu assunti.

Illi din il-Qorti tistqarr minnufih illi d-decizjoni mehuda mil-appellanti kienet wahda ghal kollox legalment insostenibbli mhux biss ghaliex hu ha l-ligi b'idejh meta unilaterlament iddecieda li il-kreditu li kellu ghal manteniment imhallas ghal ibnu Brandon kellu jigi pacut bil-manteniment dovut ghal ibnu l-iehor Malcolm li kien ghadu taht l-eta, izda ukoll ghaliex il-ligi stess kienet tipprekludieh milli jaghmel dan.

Dan ghaliex l-artikolu 1199 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprekludi lill-debitur milli jitlob it-tpacija meta il-kreditu jikkonsisti fi hlas ta' manteniment. Huwa dispost testwalment illi:

***"It-tpaċija ssir, tkun xi tkun il-kawża tad-dejn il-wieħed jew l-ieħor, minbarra minn fil-każijiet li ġejjin:***

***(ċ) meta d-dejn hu għal manteniment li ma jkunx suġġett għal sekwestru."***

Illi id-difiza allura li iqanqal l-appellanti sabiex jieqaf ghat-talba maghmula mill-parti leza ghal hlas lilha dovut bhala manteniment ghal binhom minuri Malcolm ma ghandha l-ebda bazi fil-ligi. Dan ghaliex mhux biss l-appellanti ma kellu l-ebda dritt minn jeddu iwaqqaf il-hlas tal-manteniment dovut ghal minuri Malcolm, liema obbligu kontrattwali kien gie assunt minnu u dan sabiex ipaci hlas ta' manteniment li hu dehrlu li kien thallas zejjed ghal ibnu Brandon, izda ukoll billi l-ligi stess kienet tipprekludieh milli jaghmel tali tpacija. Fuq kollox din il-Qorti kienet ukoll prekluza milli tindaga l-mottiv li wassal lill-appellanti jieqaf milli ihallas il-manteniment li kien dovut skont il-kuntratt ta' separazzjoni izda dak li kellha tistharreg din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha kien biss l-kuntratt ta'separazzjoni li minnu f'dan il-kaz kien naxxenti l-obbligu ghal hlas tal-manteniment u n-nuqqas da parti ta'l-appellanti milli ihallas l-istess. Issa jekk l-appellanti dehrlu illi dak il-manteniment ghal xi raguni ma kienx dovut, kellu jadixxi lill-qorti kompetenti li f'idejha hija fdata l-kompetenza li tistharreg dan l-ilment billi din il-qorti ta' natura penali ma ghandhiex il-kompetenza li taghmel dan.

Illi fir-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti, l-appellanti jilmenta illi din kienet eccessiva tenut kont tal-fedina penali nadifa tieghu. Jilmenta ukoll illi l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 ma kellux jigi applikat fil-konfront tieghu billi l-manteniment kien diga gie imhallas. Issa ibda biex l-appellanti ma ghandux ragun f'din l-ahhar lanjanza minnu ventilata billi kif inghad gie stabbilit illi l-manteniment fl-ammont ta' €290 fix-xahar ghal minuri Malcolm ghal perijodu indikat fl-akkuza ma huwiex imhallas.

Illi l-appellanti jilmenta illi tenut kont tal-fedina penali nadifa tieghu il-Qorti ma kellhiex tapplika l-provvedimenti ta'l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali fil-konfront tieghu. Issa l-artikolu 7(2) tal-Kodici Kriminali jipprevedi illi:

**Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 53 jew ta' xi liġi specjali ohra, il-pieni li jistghu jigu moghtija ghall-kontravvenzjonijiet huma - (a) id-detenzjoni; (b) l-ammenda; (ċ) iċ-ċanfira jew it-twiddiba."**

L-artikolu 31(g) imbaghad jistabilixxi illi:

**"it-tlugħ mill-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet isir għall-piena tal-multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur."**

F'dan il-kaz billi l-appellanti kien qed jigi akkuzat bill-kontinwita tar-reat fit-termini ta'l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali kellu ikun hemm it-tlugh fil-piena kif indikat fl-artikolu 31(g) suiccitat. Kwindi fid-diskrezzjoni taghha ma kien hemm xejn x'josta lill-Ewwel Qorti milli tapplika l-provvedimenti ta'l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali billi allura timponi piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija. Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Illi dawn ic-cirkostanzi ma humiex ravvizati f'dan il-kaz u allura ma hemm l-ebda motttiv li jista' iwassal lil din il-Qorti milli titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata.

(FT)Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur